MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 461/2013

**I.R. Quality Foods Ltd
C 32559
Vs
Tower Products Limited
C 4283**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Awissu, 2013 fejn dan it-Tribunal qieghed jigi mitlub jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u disghin ewro (€690), rapprezentanti din is-somma prezz dovut minnha versu l-bejgh u konsenja ta' prodotti tal-ikel mibjugha u kunsinnati lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici. Minkejja illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas din is-somma, hija baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez kollha, u bl-imghax fuq l-ammont dovut mid-data 'illi tali ammont sar hekk sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta, bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2013 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.
Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2013 u filfatt is-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u disghin ewro (€690), bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.
L-ispejjez, ikunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------